VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,855, 13 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 3 tal-2012**

## ATT DWAR LOTTERIJI U LOGĦOB IEĦOR (KAP. 438)

### Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Makni għal-Logħob tad-Divertiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 78(5) tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investimenti, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Makni għal-Logħob tad-Divertiment, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Makni għal-Logħob tad-Divertiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 438.06

**2.** Minflok it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej: Jissostitwixxi t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"IT-TIENI SKEDA
(Regolamenti 5, 11 u 13)

DRITTIJIET

APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZA KLASSI 1
U DRITTIJIET ANNWALI

1. Ma' kull applikazzjoni għal Liċenza Klassi 1, l-applikant għandu jħallas lill-Awtorità, skont ir-regolament 5, dritt li jitħallas darba u li ma jingħatax lura ta' elfejn euro (€2,000).

2. Id-dritt annwali li jitħallas minn Detentur ta' Liċenza Klassi 1 għandu jkun ta' ħames mitt euro (€500) għal kull makna għal-logħob tad-divertiment reġistrata f'ismu.

APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZA KLASSI 2
U DRITTIJIET ANNWALI

3. Ma' kull applikazzjoni għal Liċenza Klassi 2, l-applikant għandu jħallas lill-Awtorità, skont ir-regolament 11, dritt li jitħallas darba u li ma jingħatax lura ta' elf euro (€1,000).

4. Id-dritt annwali li jitħallas minn Detentur ta' Liċenza

Klassi 2 għandu jkun ta' tliet mitt euro (€300) għall kull post manniġġat, immexxi jew mod ieħor ikkontrollat minnu.

DRITT TA' REĠISTRAZZJONI GĦAL MAKNA GĦAL-LOGĦOB TAD-DIVERTIMENT

5. Ma' kull applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' makna għal-logħob tad-divertiment, l-applikant għandu jħallas lill-Awtorità, skont ir-regolament 13(2)(g), dritt li jitħallas darba u li ma jingħatax lura ta' tmenin euro (€80) għal kull makna għal-logħob tad-divertiment.".

**L.N. 3 of 2012**

**LOTTERIES AND OTHER GAMES ACT**
**(CAP. 438)**

**Amusement Machines (Amendment) Regulations, 2012**

IN exercise of the powers conferred by article 78(5) of the Lotteries and Other Games Act, the Minister of Finance, the Economy and Investment has, after consultation with the Lotteries and Gaming Authority, made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Amusement Machines (Amendment) Regulations, 2012, and these regulations shall be read and construed as one with the Amusement Machines Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations". Citation. S.L. 438.06

**2.** For the Second Schedule of the principal regulations, there shall be substituted the following: Substitutes the Second Schedule of the principal regulations.

"SECOND SCHEDULE
(Regulations 5, 11 and 13)

FEES

CLASS 1 LICENCE APPLICATION AND ANNUAL FEES

1. With every application for a Class 1 licence, the applicant shall pay to the Authority, in terms of regulation 5, a one-time non-refundable fee of two thousand euro (€2,000).

2. The annual fee payable by a Class 1 licensee shall be five hundred euro (€500) per amusement machine registered in his name.

CLASS 2 LICENCE APPLICATION AND ANNUAL FEES

3. With every application for a Class 2 licence, the applicant shall pay to the Authority, in terms of regulation 11, a one-time non-refundable fee of one thousand euro (€1,000).

4. The annual fee payable by a Class 2 licensee is three hundred euro (€300) per premises managed, run or otherwise controlled by him.

AMUSEMENT MACHINE REGISTRATION FEE

5. With every application for registration of an amusement

machine, the applicant shall pay to the Authority, in terms of regulation 13(2)(g), a one-time non-refundable fee of eighty euro (€80) per amusement machine.".

---

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.18